



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.2.2022
COM(2022) 47 final

2022/0033 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta’
Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep**

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Dan il-Memorandum ta' Spjegazzjoni jakkumpanja l-proposta għal **Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa**.

Din il-proposta tikkumplimenta l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi ("l-Att dwar iċ-Ċipep")¹ billi timplimenta ħafna mill-azzjonijiet previsti fl-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa, stabbilita fil-proposta tal-Att dwar iċ-Ċipep.

Il-proposta tal-Att dwar iċ-Ċipep twettaq l-impenn politiku li ħabbret il-President von der Leyen fid-diskors tagħha tal-Istat tal-Unjoni 2021 biex b'mod konġunt tinholq ekosistema Ewropea taċ-ċipep mill-aktar avvanzata, li tinkludi l-produzzjoni². Il-viżjoni strateġika li tinfed il-proposta tal-Att dwar iċ-Ċipep għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi hija spjegata fil-Komunikazzjoni mehmuża magħha³.

Biex tissodisfa din il-viżjoni, l-Istrateġija Ewropea dwar iċ-Ċipep hija mfassla fuq ħames objettivi strateġiċi. L-Ewropa jenħtieġ li:

- issaħħaħ it-tmexxija tagħha fir-riċerka u t-teknoloġija,
- tibni u ssaħħaħ il-kapaċità tagħha stess biex tkun innovattiva fid-disinn, fil-manifattura u fl-imballaġġ ta' ċipep avvanzati u ssarrafhom fi prodotti kummerċjali,
- tistabbilixxi qafas adegwat li jżid sostanzjalment il-kapaċità tal-produzzjoni tagħha sal-2030,
- tindirizza l-iskarsezzi akuti tal-ħiliet, tattira talent ġdid, u tappoġġa l-ħolqien ta' forza tax-xogħol ta' ħiliet, u
- tiżviluppa fehim profund tal-ktajjen tal-provvista dinjin tas-semikondutturi.

Il-proposta tal-Att dwar iċ-Ċipep għandha l-għan li tilħaq l-objettiv strateġiku li żżid ir-reżiljenza tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi u li żżid is-sehem tagħha fis-suq dinji. Għandha l-għan ukoll li tiffaċilita l-adozzjoni bikrija taċ-ċipep ġodda mill-industrija Ewropea u li żżid il-kompetittività tagħha. Għal dan il-għan, jeħtiġilha tattira l-investiment f'faċilitajiet tal-produzzjoni innovattivi, jeħtieġ ikollha forza tax-xogħol ta' ħiliet, iżda jeħtieġ ukoll tkun f'pożizzjoni li tiddisinja u tipproduċi l-aktar ċipep avvanzati li se jiddefinixxu s-swieq futuri, filwaqt li tiżviluppa l-kapaċitajiet potenzjali u jkollha l-possibbiltà li tittestja u tipprototipa disinji innovattivi permezz ta' linji pilota b'kollaborazzjoni mill-qrib mas-setturi industrijali vertikali tagħha. Dawn huma passi meħtieġa iżda mhumieq biżżejjed jekk l-Ewropa ma jkollhiex il-kapaċità analitika potenzjali li żżid it-trasparenza tal-katina tal-valur u jekk ma tkunx kapaċi tikseb kapaċità akbar biex taqdi l-interess komuni tas-suq uniku f'każ ta' kriżi. L-objettiv mhuwiex li ssir awtosuffiċjenti għax din mhix mira li tista' tintlaħaq. L-Unjoni trid issaħħaħ il-preġi tagħha u taħdem mal-pajjiżi terzi għal katina tal-provvista li jkollha interdipendenzi sodi.

¹ COM(2022) 46, 08.02.2022.

² Id-diskors tal-Istat tal-Unjoni 2021, https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/soteu_2021_address_mt_0.pdf

³ COM(2022) 45, 08.02.2022.

Fejn jidħol it-tweġtiq ta' dawn l-oġġettivi, wieħed mill-għanijiet tal-Att propost dwar iċ-Ċipep hu li tiġi stabbilita l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa (l-"Inizjattiva") biex tappoġġa l-bini tal-kapaċità fuq skala kbira permezz ta' investimenti f'infrastruttura transfruntiera u aċċessibbli b'mod miftuħ tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni li tiġi stabbilita fl-Unjoni biex ikunu jistgħu jiġu żviluppati teknoloġiji tas-semikondutturi mill-aktar avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss li jsaħħu l-kapaċitajiet avvanzati potenzjali tal-UE għal disinn, integrazzjoni tas-sistemi, u produzzjoni taċ-ċipep, inkluż enfasi fuq in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu.

B'mod partikolari, l-Inizjattiva se tibni pjattaforma virtwali tad-disinn biex issaħħaħ il-kapaċità tad-disinn tal-Ewropa, li tkun aċċessibbli b'mod miftuħ, nondiskriminatorju u trasparenti. Il-pjattaforma se tistimula kooperazzjoni wiesgħa tal-komunitajiet tal-utenti mad-djar tad-disinn, mal-organizzazzjonijiet tal-proprjetà intellettuali (IP) u mal-fornituri tal-għodod, mad-disinjaturi, u mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija (RTOs), u se tintegra faċilitajiet tad-disinn eżistenti u ġodda ma' libreriji estiżi u għodod tal-EDA⁴.

L-Inizjattiva se tappoġġa linji pilota li jipprovdu l-mezzi biex partijiet terzi jittestjaw, jivvalidaw u jiżviluppaw aktar id-disinji tal-prodotti tagħhom, b'mod miftuħ, trasparenti u nondiskriminatorju. L-iżvilupp ta' linji pilota ġodda se jwitti t-triq għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' kapaċitajiet potenzjali tal-produzzjoni u l-validazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, l-Inizjattiva se tistabbilixxi kapaċitajiet avvanzati ta' teknoloġija u ta' inġinerija għaċ-ċipep kwantistiċi, eż. fl-għamla ta' libreriji tad-disinn għaċ-ċipep kwantistiċi, linji pilota, u faċilitajiet tal-ittestjar u l-esperimentazzjoni.

L-Inizjattiva se tappoġġa network ta' ċentri ta' kompetenza madwar l-Ewropa li se jipprovdu għarfien espert lill-partijiet ikkonċernati, inkluż lil intrapriżi żgħar u medji (SMEs) tal-utenti finali, lin-negozji ġodda u lis-setturi vertikali, u jtejbu l-ħiliet tagħhom. Iċ-ċentri ta' kompetenza se jiffaċilitaw l-aċċess miftuħ, trasparenti u nondiskriminatorju għall-infrastruttura tad-disinn u l-linji pilota, u l-użu effettiv tagħhom. Se jsiru punti ta' attrazzjoni għall-innovazzjoni u għal talent ġdid b'livell għoli ta' ħiliet, inkluż b'taħriġ mill-ġdid u b'titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema.

L-azzjonijiet permezz tal-Inizjattiva se jiġu implimentati qabelxejn permezz tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep, jiġifieri bl-Impriża Konġunta dwar it-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin attwali emendata u msemmija mill-ġdid.⁵ Bħalissa, din l-Impriża Konġunta tipprovdi appoġġ estensiv għar-riċerka, l-iżvilupp tat-teknoloġija, u l-innovazzjoni xprunati b'mod industrijali fil-qasam tal-komponenti u tas-sistemi elettroniċi, u t-teknoloġiji tas-software u tas-sistemi relatati. Dawn l-attivitajiet se jsiru parti mill-Inizjattiva.

Din il-proposta għandha l-għan li temenda d-dispożizzjonijiet legali tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa biex l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin tkun attrezzata għall-kompiti l-ġodda tagħha relatati mal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa. Din il-proposta tbiddel ukoll l-isem ta' Teknoloġiji Diġitali Ewlenin għal "Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep".

⁴ Għodod Elettroniċi għall-Awtomatizzazzjoni tad-Disinn, jiġifieri għodod tas-software għad-disinn ta' ċirkwiti integrati.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 (ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep se tiġbor flimkien għadd ta' riżorsi tal-Unjoni, inkluż tal-programm Orizzont Ewropa u tal-programm Ewropa Diġitali, tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-programmi eżistenti tal-Unjoni, kif ukoll tas-settur privat.

Il-proposta tiddefinixxi l-azzjonijiet tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa li huma implimentati permezz tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep. Il-proposta tikkomplimenta l-programm Ewropa Digitali⁶, li jappoġġa l-bini tal-kapaċità diġitali f'oqsma diġitali ewlenin li jistgħu jużaw it-teknoloġija tas-semikondutturi biex itejbu l-prestazzjoni, b'mod partikolari l-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (HPC), l-Intelliġenza Artifiċjali (AI) u ċ-Ċibersigurtà, flimkien mal-iżvilupp tal-ħiliet u l-introduzzjoni taċ-ċentri tal-innovazzjoni diġitali. Il-proposta tappoġġa l-bini tal-kapaċità li ssaħħaħ il-kapaċitajiet avvanzati potenzjali tar-riċerka, tad-disinn, tal-produzzjoni u tal-integrazzjoni tas-sistemi f'teknoloġiji tas-semikondutturi mill-aktar avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss. Il-programm Ewropa Diġitali jikkontribwixxi għall-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep permezz ta' sitt Objettiv Speċifiku ġdid, li se jkollu enfasi tematika fuq it-teknoloġiji tas-semikondutturi.

L-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep tibni wkoll fuq Orizzont Ewropa⁷ u tikkomplimentah, biex fil-qasam tas-semikondutturi tipprovdi appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-innovazzjoni xprunat mill-akkademja. L-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep se tiffoka fuq l-appoġġ għal investimenti f'infrastrutturi tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-innovazzjoni transfruntieri u aċċessibbli b'mod miftuħ, li jiġu stabbiliti fl-Unjoni biex ikunu jistgħu jiġu żviluppati teknoloġiji tas-semikondutturi madwar l-Ewropa. L-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità appoġġati mill-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep jistgħu jadottaw u jużaw progressivament it-teknoloġiji ġodda tas-semikondutturi miksuba bl-azzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni appoġġati minn Orizzont Ewropa. Min-naħa l-oħra, il-kapaċitajiet teknoloġiċi stabbiliti permezz tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep se jkunu disponibbli għall-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż għal azzjonijiet appoġġati b'Orizzont Ewropa.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konformi ma' wħud mill-politiki ewlenin tal-Unjoni, bħall-Patt Ekoloġiku⁸. L-applikazzjoni ta' teknoloġiji tas-semikondutturi bħal dawk għall-elettronika tal-potenza, u għat-teknoloġiji diġitali b'mod ġenerali, huma abilitaturi sodi tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà u jistgħu jwasslu għal prodotti ġodda u modi ta' ħidma aktar effiċjenti u effettivi li jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku.

It-tfixkil fil-provvista tas-semikondutturi u d-dipendenzi tagħhom fuq reġjuni oħra jistgħu jnaqqsu r-ritmu tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tas-setturi Ewropej li jibbenefikaw minn soluzzjonijiet diġitali. Biex jiġu indirizzati t-tfixkil u d-dipendenzi, il-proposta ssaħħaħ it-tmexxija Ewropea fit-teknoloġija u l-innovazzjoni fid-dominju tas-semikondutturi.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-partekipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew. COM(2019) 640, 11.12.2019.

It-teknoloġiji diġitali jħalli l-impronta ambjentali tagħhom, inkluż konsum ġmielu tal-enerġija. Is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) hu responsabbli għal 5-9% tal-użu totali tal-elettriku tad-dinja u għal aktar minn 2% tal-emissjonijiet kollha⁹. Iċ-ċentri tad-*data* waħedhom ammontaw għal 2,7% tad-domanda għall-elettriku fl-2018 fl-UE, u jekk l-iżvilupp jissokta kif inhu, sal-2030 ikunu jammontaw għal 3,21%¹⁰. Dan il-konsum tal-enerġija jeħtieġ jitnaqqas. Bis-saħħa tal-proposta, u b'mod partikolari permezz tal-faċilitajiet tad-disinn u l-linji pilota li tappoġġa, se jiġu ddisinjati, ittestjati u vvalidati proċessuri tal-enerġija ġodda u b'enerġija elettrika baxxa. Il-proċessuri huma l-komponenti ewlenin tas-servers li jimmaniġġaw it-tagħbija tal-proċessi komputazzjonali fiċ-ċentri tad-*data*. Iċ-ċentri l-kbar tad-*data* jkollhom miljuni ta' servers bħal dawn u għalhekk it-titjib fil-konsum tal-enerġija tal-proċessuri jista' jkollu effett sinifikanti fuq il-konsum ġenerali tal-enerġija taċ-ċentri tad-*data*. Dawn iċ-ċipep b'impronta enerġetika baxxa jikkontribwixxu wkoll biex l-UE tikseb pożizzjoni bħala mexxejja fit-teknoloġiji diġitali sostenibbli.

Il-proposta tikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' partijiet mill-pakkett “Lesti għall-Mira ta' 55%” li jiffokaw fuq il-promozzjoni ta' vetturi u fjuwils aktar nodfa, b'mod li jkun newtrali mil-lat teknoloġiku¹¹. Ir-reviżjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet ġodda għandha l-għan li tkompli tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dawn il-vetturi, u ttiprovdi perkors ċar u realistiku għal mobbiltà mingħajr emissjonijiet. Id-domanda tal-konsumaturi għal vetturi b'emissjonijiet żero, bħal vetturi li jistgħu jiġu ċċarġjati bl-elettriku, diġà qed tiżdied¹². Vettura li tista' tiġi ċċarġjata bl-elettriku tipikament ikollha aktar mid-doppju tas-semikondutturi minn karozza b'magna b'kombustjoni interna¹³. It-teknoloġiji avvanzati tal-imballaġġ qed kulma jmur isiru aktar importanti biex jiġu indirizzati r-rekwiżiti tal-vetturi elettriċi għal aktar enerġija u aktar effiċjenza enerġetika. Għaldaqstant, l-oġġettivi tal-proposta huma konsistenti mal-oġġettivi tal-pakkett “Lesti għall-mira ta' 55%”.

Hekk kif qed jiżdiedu d-diġitalizzazzjoni u l-elettrifikazzjoni, iċ-ċipep effiċjenti fl-enerġija jikkontribwixxu għal politiki oħra wkoll, inkluż għal politiki tal-manifattura industrijali, tat-trasport u tal-enerġija, bħall-Pjan ta' Azzjoni li qed jitħejja dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Enerġija¹⁴. Id-domanda għat-teknoloġiji tas-semikondutturi mistennija tirdoppja fl-għaxar snin li ġejjin. Qed kulma jmur jiżdiedu iċ-ċipep inkorporati fir-robots u fil-magni tal-manifattura, fl-industrija, fl-enerġija u fl-agrikoltura, iżda anke fil-vetturi tat-trasport u f'apparat ieħor. Id-domanda għas-semikondutturi tal-elettronika enerġetika mistennija tiżdied minħabba l-penetrazzjoni dejjem akbar tas-sorsi rinnovabbli fis-sistema elettrika u minħabba t-tranżizzjoni għall-elettromobbiltà. Bl-użu intelliġenti taċ-ċipep u ta' teknoloġiji diġitali oħra, u b'ċipep aktar effiċjenti fl-enerġija, il-proposta hija konsistenti ma' bosta politiki settorjali u tikkontribwixxi għalihom.

⁹ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni). COM(2021) 558, 14.7.2021.

¹⁰ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/energy-efficient-cloud-computing-technologies-and-policies-eco-friendly-cloud-market>

¹¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. “Lesti għall-mira ta' 55%”: nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi triqitna lejn in-newtralità klimatika. COM(2021) 550, 14.7.2021.

¹² Pereżempju qed jiżdied il-proporzjon tal-karozzi elettriċi fil-bejgħ għid tal-Ewropa, u fl-2021 mistenni jilħaq l-14%, <https://think.ing.com/articles/slow-start-for-electric-vehicles-in-the-us-but-times-are-changing>

¹³ <https://www.idtechex.com/en/research-article/ev-power-electronics-driving-semiconductor-demand-in-a-chip-shortage/24820>

¹⁴ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13141-Digitalising-the-energy-sector-EU-action-plan_mt

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Dan ir-Regolament se jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li stabbilixxa disa' sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE li skonhom l-UE tista' tistabbilixxi impriżi konġunti jew xi strutturi oħra meħtieġa biex ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-programmi tad-dimostrazzjoni tal-UE jsiru b'mod effiċjenti. Għalhekk, dan ir-Regolament emendatorju se jkun ibbażat ukoll fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Ir-riċerka hija kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha skont it-TFUE. L-Artikolu 4(3) jispeċifika li fl-oqsma tar-riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-isparzu, l-UE tista' twettaq attivitajiet speċifiċi, inkluż id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi, mingħajr ma taffettwa l-libertà tal-Istati Membri li jaġixxu fl-istess oqsma.

Ir-Regolament propost jemenda d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 applikabbli għal waħda mid-disa' impriżi konġunti stabbiliti fih, it-Teknoloġiji Diġitali Ewlenin li, b'dan ir-Regolament, se tingħata l-isem ġdid ta' Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep. L-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep tiffoka fuq oqsma li jipprovdu valur miżjud evidenti jekk tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE minħabba l-iskala, il-ħeffa u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa biex l-UE tilħaq l-oġettivi fit-tul tagħha minquxa fit-Trattat u twettaq il-prijoritajiet u l-impenji tal-politika strateġika tagħha. L-inizjattiva proposta għandha tikkumplementa u ssaħħa ukoll l-attivitajiet nazzjonali u subnazzjonali fl-istess qasam. Kull sħubija Ewropea, inkluż l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep, hi bbażata fuq Aġenda Strateġika fit-tul tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u adattata ferm biex tindirizza sfidi transfruntieri kumplessi.

B'mod partikolari, l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep tiffoka fuq:

- it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni u tal-iskambju tal-għarfien bejn l-atturi ewlenin fis-sistema Ewropea tar-riċerka u tal-innovazzjoni, inkluż il-kollaborazzjoni transdixiplinari u transsettorjali u l-integrazzjoni mtejbja tal-ktajjen tal-valur u tal-ekosistemi,
- l-iżgurar tal-allinjament u tal-integrazzjoni ta' strateġiji, programmi u investimenti Ewropej, nazzjonali jew reġjonali u industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni mad-direzzjonijiet miftiehma,
- il-ħolqien ta' skali kritiċi ta' investimenti fuq prijoritajiet komuni u ż-żieda fl-investment privat fir-riċerka u l-innovazzjoni, u
- it-tnaqqis tar-riskji u tal-inċertezz għall-industrija li huma relatati ma' investimenti fl-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u f'teknoloġiji jew soluzzjonijiet ġodda billi jinqasmu r-riskji u tinkiseb ċerta prevedibbiltà għall-investimenti.

L-azzjoni fil-livell nazzjonali jew mill-industrija waħedha ma tistax tilħaq l-iskala, il-ħeffa u l-ambitu tal-appoġġ meħtieġ għar-riċerka u l-innovazzjoni biex l-UE tilħaq l-oġettivi fit-tul tagħha minquxa fit-Trattat, twettaq il-prijoritajiet tal-politika strateġika tagħha (inkluż l-għanijiet dwar il-klima u l-enerġija stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi u fil-Patt Ekoloġiku Ewropew), u tikkontribwixxi biex jingħelbu l-isfidi dinjin u jintlaħqu l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs).

- **Proporzjonalità**

Il-prinċipju tal-proporzjonalità jirfed l-approċċ kollu li wassal għall-proposta attwali li temenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 għall-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep. Minħabba enfasi akbar fuq il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-prijoritajiet ewlenin ta' politika tal-UE u li jkun żgurat li jħallu impatt li jista' jitkejjel u sinifikanti, l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep turi l-valur miżjud tagħha, b'mod partikolari billi tilħaq b'mod effiċjenti u effettiv l-oġettivi li ma jistgħux jintlaħqu b'mod aktar effettiv b'mezzi aktar sempliċi, inkluż l-approċċ prestabbilit tas-sejħiet tradizzjonali tal-programmi Orizzont Ewropa jew Ewropa Diġitali jew forum ta' sħubija aktar sempliċi, bħas-“sħubijiet kofinanzjati”.

Fil-proposta għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085, il-proporzjonalità tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep ġiet ivvalutata skont din il-loġika f'żewġ stadji:

- (1) Ġustifikazzjoni tal-użu ta' approċċ ta' sħubija f'qasam partikolari (inkluż kunsiderazzjonijiet dwar l-addizzjonalità, id-direzzjonalità u rabta ma' priyoritajiet strateġiċi) minflok forum oħra ta' intervent disponibbli fil-qafas tal-programmi Orizzont Ewropa jew Ewropa Diġitali;
- (2) Jekk l-approċċ ta' sħubija jitqies xieraq, il-kunsiderazzjonijiet tal-proporzjonalità jiggwidaw il-valutazzjoni dwar liema tip ta' sħubija (koprogrammata, kofinanzjata jew istituzzjonalizzata) tkun l-aktar effettiva biex jintlaħqu l-oġettivi maħsuba.

L-emenda proposta għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 iżżid raġunament ieħor:

- (3) Minħabba r-relazzjoni tal-ambitu tal-oġettivi tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa mal-ambitu tal-Impriża Konġunta KDT (issa, dwar iċ-Ċipep), jixraq li din l-Impriża Konġunta diġà fis-seħħ tiġi fdata bl-implimentazzjoni ta' ċerti attivitajiet relatati mal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għandha l-għan li temenda impriża konġunta eżistenti stabbilita skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 u bbażata fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE. Għal dan it-tip ta' struttura, l-Artikolu 188(1) tat-TFUE jeħtieġ l-adozzjoni ta' Regolament tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fid-diskors tagħha fil-Forum Ekonomiku Dinji f'Jannar 2022, il-President von der Leyen semmiet li fil-bidu ta' Frar il-Kummissjoni se tipproponi l-Att Ewropew tagħha dwar iċ-Ċipep għax ma jistax jintilef iżjed żmien¹⁵. L-ekonomiji mexxejja qed jiskrinkaw biex jiżguraw il-provvista tagħhom ta' ċipep mill-aktar avvanzati għax din tikkundizzjona dejjem iżjed il-kapaċità tagħhom li jaġixxu (ekonomikament, industrijalment, militarment) u tixpruna t-trasformazzjoni diġitali. Diġà qed jinvestu ħafna u jniedu miżuri ta' appoġġ biex jinnovaw u jsaħħu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom, jew mistennija jagħmlu dan fiż-żmien li ġej¹⁶.

¹⁵ Diskors Speċjali “State of the World” tal-President von der Leyen fil-Forum Ekonomiku Dinji: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/speech_22_443

¹⁶ Pereżempju: l-Istati Uniti: <https://www.congress.gov/bills/117th-congress/senate-bill/1260?s=1&r=52>
iċ-Ċina: <https://crsreports.congress.gov/product/pdf/R/R46767>
il-Ġappun: <https://www.reuters.com/technology/japan-create-scheme-subsidise-domestic-chip-output-nikkei-2021-11-07/>

Hemm indikazzjonijiet li l-kumpaniji tal-UE u l-RTOs jistgħu jiġu attirati biex jiċċaqilqu lejn reġjuni oħra. Hu inqas probabbli li l-atturi internazzjonali jespandu l-faċilitajiet eżistenti jew jistabbilixxu faċilitajiet ġodda tal-produzzjoni fl-UE jekk ma jkollhomx ċarezza sħiħa, inkluż fejn jidħlu l-kundizzjonijiet tal-investment, il-possibbiltajiet ta' appoġġ pubbliku, l-investimenti pubbliċi fil-ħiliet, fl-infrastruttura, u r-riċerka u l-iżvilupp avvanzati.

Minħabba l-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt u ma ġiet prevista l-ebda konsultazzjoni pubblika online. L-analiżi u l-evidenza ġustifikattiva kollha se jitniżżlu f'dokument ta' ħidma tal-persunal li se jiġi ppubblikat fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-proposta tal-Att dwar iċ-Ċipep.

Iżda waqt sessjonijiet ta' ħidma *ad hoc* mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija dwar suġġetti speċifiċi relatati mal-Inizjattiva ħarġet fid-dieher il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati faċilitajiet għat-teknoloġiji futuri, bħall-fotonika, il-computing newromorfiku u t-teknoloġiji kwantistiċi, kif ukoll materjali godda¹⁷. Minbarra dan, f'dawn is-sessjonijiet ta' ħidma ħarġet fid-dieher ukoll il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati kif xieraq arkitetturi ta' settijiet ta' struzzjonijiet alternattivi, bħar-RISC-V.

Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Impriża Konġunta ECSEL – il-predeċessur tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin – fis-sajf tal-2021 saru laqgħat mar-rappreżentanti tal-industrija u mal-awtoritajiet pubbliċi u ġew diskussi l-oġġettivi tal-Kumpass Diġitali, l-aġġornament tal-istrateġija industrijali, l-alleanza Industrijali, u l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep.

Fl-2021 saru laqgħat regolari kull xahar mal-Istati Membri biex jitħejja t-tieni IPCEI ippjanat dwar il-Mikroelettronika. Dawn ikkontribwew għad-definizzjoni u l-valutazzjoni tal-Faċilitajiet tal-Produzzjoni Integrata u tal-Fonderiji Miftuħa tal-UE li ġew proposti fir-Regolament, u għad-definizzjoni ta' faċilitajiet speċifiċi skont ir-Regolament.

Fl-10 ta' Jannar 2022 saret laqgħa mas-CEOs li jirrappreżentaw lill-partijiet ikkonċernati ewlenin fl-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi. Il-konklużjonijiet ewlenin ta' dik il-laqgħa li huma rilevanti għal din il-proposta kienu: il-bini fuq il-preġġi Ewropej, eż. ir-riċerka u l-iżvilupp, u l-manifattura tat-tagħmir; appoġġ ċar għal-linji pilota u għall-infrastrutturi tad-disinn; u l-ħtieġa għal ambjent ekwu mad-dinja¹⁸.

Saru wkoll diversi laqgħat ma' rappreżentanti tas-CEOs dwar il-ħtieġa li jissaħħaħ is-settur Ewropew, wara l-laqgħat tal-Kummissarju Breton mas-CEOs tal-atturi ewlenin u l-RTOs tas-semikondutturi. Dawn ikkontribwew b'mod partikolari għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità li għandhom jiġu implimentati fl-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep.

Il-Forum Ewropew għall-Komponenti u s-Sistemi Elettroniċi (EFECS), f'Novembru 2021, b'aktar minn 500 parteċipant, kien pjattaforma kbira għal diskussjoni dwar il-ħtiġijiet industrijali. Inkiseb aktar għarfien ukoll waqt laqgħat mal-assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-membri tagħhom, bħal SEMI, l-ESIA u DigitalEurope.

Barra minn hekk, permezz tal-kuntatti fit-tul u regolari mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija, mal-Istati Membri, mal-assoċjazzjonijiet kummerċjali, u mal-assoċjazzjonijiet tal-utenti nkiseb għadd ġmielu ta' informazzjoni u rispons rilevanti għall-proposta.

il-Korea t'Isfel: <https://spectrum.ieee.org/south-koreas-450billion-investment-latest-in-chip-making-push>

¹⁷ <https://ecscollaborationtool.eu/ecs-sria-workshops.html>

¹⁸ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/ceo-roundtable-semiconductors-10-january-2022>

Minn tmiem l-2019 'l hawn, ġew ippubblikati bosta rapporti dwar is-settur tas-semikondutturi li jiddeskrivu x-xejriet u jipprovdu fatti u ċifri bħala mezz ta' informazzjoni għall-proposta¹⁹.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma' din il-proposta ma gietz meħmuża valutazzjoni tal-impatt formali. Meta titqies l-urġenza kif spjegat hawn fuq, ma setgħetx issir valutazzjoni tal-impatt fiż-żmien disponibbli qabel l-adozzjoni tal-proposta.

- **Drittijiet fundamentali**

L-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") jipprevedi l-libertà ta' intrapriża. Il-miżuri f'din il-proposta joħolqu kapaċità ta' innovazzjoni u jrawmu s-sigurtà tal-provvista tas-semikondutturi, u dan jista' jsaħħaħ il-libertà ta' intrapriża f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiki nazzjonali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-baġit tal-UE se jappoġġa l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa b'total sa EUR 3,3 biljun, inkluż EUR 1,65 biljun mill-programm Orizzont Ewropa u EUR 1,65 biljun mill-programm Ewropa Diġitali. Minn dan it-total, EUR 2,875 biljun se jiġu implimentati bl-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep.

Aktar dettalji jinsabu fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva annessa mal-proposta tal-Att dwar iċ-Ċipep.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep se tiġi monitorjata u evalwata f'konformità mal-Artikoli 50 u 52 u mal-Anness III tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa. L-evalwazzjonijiet *interim* u *ex post* se jiġu appoġġati minn kuntratturi esterni u se jikkontribwixxu għall-evalwazzjonijiet ġenerali ta' Orizzont Ewropa. F'konformità mal-kriterji stabbiliti għas-sħubijiet Ewropej, l-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-aktar mod effettiv ta' intervent ta' politika għal azzjoni futura, kif ukoll it-tiġdid possibbli tas-sħubija fix-xenarju ġenerali tas-sħubijiet Ewropej. Fin-nuqqas ta' tiġdid, se jiġu żviluppati miżuri xierqa li jiżguraw it-tneħħija gradwali tal-finanzjament tal-programm qafas skont il-kundizzjonijiet u l-iskeda taż-żmien miftiehma mas-sħab tas-sħubija.

¹⁹ Lista mhux eżawrjenti: Measuring distortions in international markets: The semiconductor value chain, l-OECD 2019; The Geopolitics of Semiconductors, imhejji minn EURASIA group, Settembru 2020; The global semiconductor value chain, Stiftung Neue Verantwortung, Ottubru 2020; The Weak Links in China's Drive for Semiconductors, Montaigne institute, Jannar 2021; Strengthening the Semiconductor supply chain in an uncertain Era, BCGxSIA, April 2021; SIA Factbook, Mejju 2021; Building Resilient Supply Chains, Revitalizing American Manufacturing, and Fostering Broad-Based Growth, Rapport mill-White House, Ġunju 2021; Mapping China's semiconductor ecosystem in global context, Stiftung Neue Verantwortung, Ġunju 2021; Semiconductors Global Policy Review Access Partnership, Settembru 2021; Semiconductors: U.S. Industry, Global Competition, and Federal Policy, Congressional Report Service, Ottubru 2021; Semiconductor Strategy for Germany and Europe, ZVEI, Ottubru 2021; Understanding the global chip shortage Stiftung Neue Verantwortung, Novembru 2021.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Is-sħubijiet Ewropej istituzzjonalizzati, inkluż l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep, huma mfassla biex iżidu l-koerenza u jimmassimizzaw l-impatt f'xenarju ta' riċerka u innovazzjoni li qed jevolvi.

L-emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 hija meħtieġa l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep tkun tista' timplimenta l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa stabbilita permezz tar-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi qafas ta' miżuri li jsaħħu l-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi ("l-Att dwar iċ-Ċipep"). Għal dan il-għan, huma meħtieġa dawn l-emendi proposti li ġejjin għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085:

- (1) Emendi għall-"Ewwel Parti" dwar "Dispożizzjonijiet Komuni" tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085:

Artikolu 2 (Definizzjonijiet): id-definizzjonijiet dwar "membru fundatur", "membru assoċjat", "stat parteċipanti" u "programm ta' ħidma" huma emendati biex jinkludu l-fatt li l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep issa se jiffinanzjaha wkoll il-programm Ewropa Diġitali.

Artikolu 3 (Stabbiliment): skont dan l-Artikolu, l-isem tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin preċedenti jsir "Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep".

Artikolu 4 (Objettivi u prinċipji) hu emendat biex jiżgura li l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep tikkontribwixxi wkoll għall-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa u l-programm Ewropa Diġitali.

Artikolu 10 (Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni) hu emendat biex jirrifletti l-fatt li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni tista' titħallas ukoll mill-approprijazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokati għall-Objettiv Speċifiku li jimplimenta l-programm Ewropa Diġitali.

Artikolu 12(1) (Ġestjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-istati parteċipanti) hu emendat biex ikun jirrifletti l-fatt li l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 18 tal-programm Ewropa Diġitali jenħteġ li jitqiesu wkoll fil-programm ta' ħidma. Barra minn hekk, kull stat parteċipanti jenħteġ li jafda lill-impriża konġunta bl-evalwazzjoni tal-proposti skont il-programm kontributor tal-Unjoni.

Artikolu 29(2) (Impenji finanzjarji) hu emendat biex jinkludi l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep fost l-impriżi konġunti li jistgħu jaqsmu l-impenji baġitarji tagħhom f'pagamenti parzjali annwali.

- (2) Emendi għall-"Parti Tnejn" dwar "Dispożizzjonijiet Speċifiċi ta' Impriżi Konġunti Indivdwali" tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085:

Artikolu 126 (Objettivi addizzjonali tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep) hu emendat biex iżid objettiv ġenerali u erba' objettivi speċifiċi addizzjonali tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep. L-objettiv ġenerali jiffoka fuq iż-żieda tal-kapaċità fuq skala kbira madwar l-Unjoni fl-aktar teknoloġiji tas-semikondutturi avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss, filwaqt li l-erba' objettivi speċifiċi jiffokaw fuq il-bini ta' kapaċitajiet tad-disinn fuq skala kbira għat-teknoloġiji tas-semikondutturi integrati, it-titjib tal-linji pilota eżistenti u l-iżvilupp ta' linji pilota ġodda, il-bini ta' kapaċitajiet avvanzati ta' teknoloġija u ta' inġinerija biex jitħaffef l-iżvilupp taċ-ċipep kwantistiċi u l-ħolqien ta' network ta' ċentri ta' kompetenza madwar l-Ewropa.

Artikolu 128 hu emendat biex ikun jirrifletti ż-żieda fil-baġit, minn żewġ programmi differenti (Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali).

Artikolu 129 hu emendat biex tiġi ddeterminata l-kontribuzzjoni għall-kostijiet amministrattivi tal-membri privati tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep.

Artikolu 133 (Funzjonament tal-Bord ta' Tmexxija) hu emendat biex jispeċifika li l-Bord ta' Tmexxija jinkludi biss lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet pubbliċi mill-Istati Membri meta jivvutaw dwar il-parti tal-programm ta' ħidma relatata mal-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità.

Artikolu 133a (Regoli applikabbli għall-attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Diġitali) jiżdied biex jiċċara li r-regoli relatati mal-programm Ewropa Diġitali japplikaw għall-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep.

Artikolu 134 (Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni f'azzjonijiet speċifiċi) hu emendat biex jippermetti l-possibbiltà li tiġi limitata l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet speċifiċi ffinanzjati mill-programm Ewropa Diġitali. Barra minn hekk, it-tielet paragrafu 3 il-ġdid tal-Artikolu 134 jindika li ċerti azzjonijiet jistgħu jitwettqu minn entitajiet legali li jikkooperaw f'konsorzju ta' mill-inqas tliet entitajiet legali li huma stabbiliti f'mill-inqas tliet Stati Membri jew pajjiżi differenti assoċjati mal-Inizjattiva. Jispeċifika li dan il-konsorzju jista' jkun strutturat f'għamla ta' Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura taċ-Ċipep, kif stabbilit fl-Att dwar iċ-Ċipep.

Artikolu 134a (Kompiti addizzjonali tad-Direttur Eżekuttiv) jispeċifika li d-Direttur Eżekuttiv jeħtieġ iqs id-definizzjoni tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi dwar il-parti tal-programm ta' ħidma relatata mal-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità u mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-istimi tan-nefqa korrispondenti tagħhom.

Artikolu 136 (Funzjonament tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi) hu emendat biex jiżdiedu erba' sitwazzjonijiet ulterjuri li fihom il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi jinkludi biss lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet pubbliċi mill-Istati Membri.

Artikolu 137 (Kompiti tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi) hu emendat biex jiżdiedu żewġ kompiti oħra lill-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep, b'mod partikolari d-definizzjoni tal-parti tal-programm ta' ħidma relatata mal-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità u mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-għażla ta' proġetti relatati ma' dawn l-attivitajiet. Għaż-żewġ kompiti, il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi jinkludi biss lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri.

Artikolu 141 (Rati ta' finanzjament) hu emendat biex, għal attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Diġitali, jippermetti li l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep tapplika rati ta' finanzjament differenti għall-finanzjament tal-Unjoni f'azzjoni skont it-tip ta' parteċipant, b'mod partikolari l-SMEs u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, u t-tip ta' azzjoni. Barra minn hekk, jiżdied paragrafu ġdid biex entità legali waħda stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat jew f'konsorzji li ma jissodisfawx il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament Orizzont Ewropa titħalla tkun eliġibbli li tipparteċipa f'azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep.

Fl-aħħar nett, il-**punt 17** ta' dan ir-Regolament jindika li r-referenzi għall-“Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin” jenħtieġ li jinftiehm li jirreferu għall-“Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep”.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 187 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²⁰,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²¹,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085²² jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, inkluż l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin.
- (2) L-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin tindirizza suġġetti definiti b'mod ċar li jippermettu lill-industriji Ewropej b'mod ġenerali jfasslu, jimmanifatturaw u jużaw l-aktar teknoloġiji innovattivi fil-komponenti u s-sistemi elettroniċi.
- (3) Ir-Regolament (UE) [...] ²³ jistabbilixxi qafas li jżid ir-reżiljenza tal-Unjoni fil-qasam tat-teknoloġiji tas-semikondutturi, li jstimula l-investment, isaħħaħ il-kapaċitajiet potenzjali tal-katina tal-provvista Ewropea tas-semikondutturi, u jżid il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Biex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa li jsaħħu l-kapaċità tal-innovazzjoni industrijali tal-Unjoni, għet stabbilita l-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa (l-“Inizjattiva”). Biex tkun żgurata implimentazzjoni konsistenti tal-Inizjattiva, il-Bord Ewropew tas-semikondutturi jenħtieġ li jipprovdi pariri lill-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi.
- (4) L-attivitajiet appoġġati mill-Inizjattiva jenħtieġ li jiġu ffinanzjati mir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ li jistabbilixxi l-programm

²⁰ ĠU C , , p. .

²¹ ĠU C , , p. .

²² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014 (ĠU L 427, 30.11.2021, p.17).

²³ ĠU L ..., p...

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

Orizzont Ewropa, u mir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵ li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali.

- (5) L-Inizjattiva għandha l-għan li ssaħħa il-kompetittività u r-reżiljenza tal-bażi teknoloġika u industrijali tas-semikondutturi, filwaqt li ssaħħa il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-ekosistema tas-semikondutturi tagħha, tnaqqas id-dipendenza fuq għadd limitat ta' kumpaniji u ġeografiji ta' pajjiżi terzi, u ssaħħa il-kapaċità tagħha li tiddisinja u tipproduċi komponenti avvanzati. Dawn l-għanijiet jenħtieġ li jiġu appoġġati bi tnaqqis fid-distakk bejn il-kapaċitajiet avvanzati potenzjali tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni u l-isfruttament industrijali tagħhom. Jenħtieġ li tippromwovi l-bini tal-kapaċità biex tippermetti l-integrazzjoni tad-disinn, tal-produzzjoni u tas-sistemi fit-teknoloġiji tas-semikondutturi tal-ġenerazzjoni li jmiss, ittejjeb il-kollaborazzjoni fost l-atturi ewlenin madwar l-Unjoni, issaħħa il-ktajjen Ewropej tal-provvista u tal-valur tas-semikondutturi, u biex taqdi lil setturi industrijali ewlenin u toħloq swieq ġodda.
- (6) Jenħtieġ li l-Inizjattiva titwettaq b'azzjonijiet li jenħtieġ li jissejsu fuq il-bażi soda tal-għarfien miksub mill-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin. Jenħtieġ li l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin tingħata l-kompitu li tipprovdi l-appoġġ finanzjarju, b'xi strument jew proċedura prevista fil-programmi Orizzont Ewropa jew Ewropa Diġitali, għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-Inizjattiva. Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin jenħtieġ li tingħata l-isem ġdid ta' Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep. Tul it-terminu tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep, jenħtieġ li mill-inqas EUR 2,5 biljun ikunu ddedikati għal-linji pilota, għall-infrastrutturi tad-disinn, għaċ-ċentri ta' kompetenza, u għal attivitajiet oħra tal-bini tal-kapaċità.
- (7) L-attivitajiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep jenħtieġ li jkunu koperti minn programm ta' ħidma uniku, li jenħtieġ li jiġi adottat mill-Bord ta' Tmexxija. Qabel ma jitħejjew il-programmi ta' ħidma, il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi, filwaqt li jqis il-pariri tal-Bord Ewropew tas-Semikondutturi u l-kontribut ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż kif xieraq pjanijiet direzzjonali prodotti mill-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi²⁶, jenħtieġ li jiddefinixxi l-parti tal-programm ta' ħidma li hija relatata mal-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità u mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-istimi tan-nefqa korrispondenti tagħhom. Għal dan il-għan, il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi jenħtieġ li jinkludi biss lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. Sussegwentement, abbażi ta' din id-definizzjoni, id-Direttur Eżekuttiv jenħtieġ li jħejji l-programm ta' ħidma li jinkludi l-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità u l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-istimi tan-nefqa korrispondenti tagħhom.
- (8) Meta l-Bord ta' Tmexxija jadotta l-programm ta' ħidma, id-drittijiet tal-vot għall-parti tal-programm ta' ħidma li hija relatata mal-bini tal-kapaċità jenħtieġ li jkunu limitati għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri biss. Id-drittijiet tal-vot għall-parti tal-programm ta' ħidma li hija relatata mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jkunu kondiviżi indaqs bejn il-Kummissjoni, l-Istati Parteċipanti u l-membri privati. Jekk ma tkunx tista' tintlaħaq deċiżjoni dwar xi waħda miż-żewġ partijiet tal-

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/694 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240 (ĠU L 166, 11.5.2021, p. 1).

²⁶ L-Alleanza tissemma fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Mejju 2021 dwar "Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa".

programm ta' ħidma, l-programm ta' ħidma jenħtieġ li jiġi adottat biss bl-inklużjoni tal-parti li dwarha tkun intlaħqet deċiżjoni pożittiva.

- (9) Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi jenħtieġ li jkun responsabbli għall-għażla tal-proġetti relatati mal-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità. Għal dan il-għan, il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi jenħtieġ li jinkludi biss lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri.
- (10) Il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi jenħtieġ li jkun responsabbli għall-għażla tal-proġetti relatati mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni.
- (11) Bil-ħsieb li titthaffef l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Inizjattiva u tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet legali, b'mod partikolari l-Organizzazzjonijiet tar-Riċerka u t-Teknoloġija, ċerti proposti għal azzjonijiet jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament biss jekk l-azzjoni ssir minn entitajiet legali li jikkooperaw f'konsorzju ta' mill-inqas tliet entitajiet legali minn tliet Stati Membri differenti. Dak il-konsorzju jista' jiġi strutturat bħala l-Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura taċ-Ċipep, kif propost fl-“Att dwar iċ-Ċipep”, jew abbażi ta' għodod ġuridiċi disponibbli oħra skont id-dritt tal-Unjoni. Peress li l-attivitajiet appoġġati bl-Inizjattiva u implimentati mill-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep huma ffinanzjati mill-programm Orizzont Ewropa u mill-programm Ewropa Diġitali, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep indikata fl-Artikolu 128 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 jenħtieġ li tiżdied kif xieraq. Il-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep jenħtieġ li jiżdiedu wkoll f'konformità maż-żieda tal-kompiti operazzjonali. Il-membri privati jenħtieġ li ma jikkontribwux għall-kostijiet amministrattivi addizzjonali.
- (12) L-għoti tal-appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet mill-pogramm Ewropa Diġitali jenħtieġ li jikkonforma mar-Regolament (UE) 2021/694.
- (13) L-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep jenħtieġ li tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-atturi internazzjonali billi tiddefinixxi strateġija ta' kooperazzjoni, li tinkludi l-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' oqsma għall-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp, u l-iżvilupp tal-ħiliet u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jiksbu benefiċċju reċiproku, l-aktar abbażi tar-reċiproċità.
- (14) Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2021/2085 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

- (a) Il-punti 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. “membru fundatur” tfisser entità legali stabbilita fi Stat Membru, pajjiż assoċjat ma' Orizzont Ewropa, **jew meta applikabbli ma' Ewropa Diġitali**, jew organizzazzjoni internazzjonali identifikata bħala membru ta' impriża konġunta f'dan ir-Regolament jew f'wieħed mill-Annessi tiegħu;

“3. “membru assoċjat” tfisser entità legali stabbilita fi Stat Membru, pajjiż assoċjat ma' Orizzont Ewropa, **jew meta applikabbli ma' Ewropa Diġitali**, jew organizzazzjoni internazzjonali li tissieħeb ma' impriża konġunta billi tiffirma ittra

ta' impenn f'konformità mal-Artikolu 6(3) u soġġetta għal approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7;

4. “stat parteċipanti” tfisser Stat Membru jew pajjiż assoċjat ma' Orizzont Ewropa, **jew meta applikabbli ma' Ewropa Diġitali**, man-notifika tal-parteeċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet tal-impriża konġunta rilevanti b'ittra ta' impenn;”;

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep;”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Biex jitqies it-terminu tal-programm Orizzont Ewropa, **u meta applikabbli tal-programm Ewropa Diġitali**, is-sejthiet għal proposti mill-impriżi konġunti għandhom jitnedew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027. F'każijiet debitament ġustifikati, is-sejthiet għal proposti jistgħu jitnedew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2028.”

(3) Fl-Artikolu 4 (1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep għandha tikkontribwixxi wkoll għall-oġġettivi tal-Inizjattiva Ċipep għall-Ewropa u għall-programm Ewropa Diġitali”.

(4) Fl-Artikolu 10, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. L-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni speċifikat fil-Parti Tnejn jista' jiżdied b'kontribuzzjonijiet mingħand pajjiżi terzi assoċjati mal-programm Orizzont Ewropa f'konformità mal-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) 2021/695, **u meta applikabbli mal-programm Ewropa Diġitali** f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2021/694, dment li ż-żieda totali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun tal-inqas daqs il-kontribuzzjoni tal-membri għajr l-Unjoni, jew tal-entitajiet kostitwenti jew affiljati tagħhom.

3. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokat li għall-Programm Speċifiku li jimplimenta l-programm Orizzont Ewropa, **u meta applikabbli l-programm Ewropa Diġitali**, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c)(iv), u mal-Artikolu 154 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fil-każ tal-korpi msemmija fl-Artikolu 71 ta' dak ir-Regolament.”

(5) L-Artikolu 12(1) huwa emendat kif ġej:

(a) It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Minbarra l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament Orizzont Ewropa, **jew fil-każ tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep, fl-Artikolu 18 tal-programm Ewropa Diġitali**, il-programm ta' ħidma jista' jinkludi, bħala anness, kriterji ta' eliġibbiltà rigward l-entitajiet legali nazzjonali.”

(b) It-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Kull stat parteċipanti għandu jafda lill-impriża konġunta bl-evalwazzjoni tal-proposti f'konformità mal-**programm kontributur tal-Unjoni**.”

(6) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

(a) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-impenji baġitarji tal-impriża konġunti msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (b), (d), **(g)** u (h), jistgħu jinqasmu f'pagamenti parzjali annwali. Sal-31 ta' Diċembru 2024, l-ammont kumulattiv ta' dawk l-impenji baġitarji f'pagamenti parzjali ma għandux jaqbeż il-50% tal-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 10. Minn Jannar 2025, tal-anqas 20% tal-baġit kumulattiv tas-snin residwi ma għandux jiġi kopert minn pagamenti parzjali annwali.”

(7) L-Artikolu 126 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) Tistabbilixxi l-eċċellenza xjentifika tal-Unjoni u t-tmexxija tal-innovazzjoni fit-teknoloġiji emerġenti tal-komponenti u s-sistemi, inkluż f'attivitajiet relatati ma' TRLs aktar baxxi; u tippromwovi l-involviment attiv tal-SMEs, li għandu jirrappreżenta mill-inqas terz tal-għadd totali ta' parteċipanti f'azzjonijiet indiretti, u jenħtieġ li mill-inqas 20% tal-finanzjament pubbliku **ddedikat għall-azzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni** jmur għalihom.

(b) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (d) li ġej:

“(d) tiżdied il-kapaċità fuq skala kbira madwar l-Unjoni f'teknoloġiji tas-semikondutturi mill-aktar avvanzati u tal-ġenerazzjoni li jmiss biex jissaħħu l-kapaċitajiet avvanzati potenzjali tal-Unjoni għal disinn, integrazzjoni tas-sistemi u produzzjoni tas-semikondutturi u biex tiġi limitata, meta possibbli, l-impronta ambjentali.”

(c) Fil-paragrafu 2, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) tistabbilixxi koerenza bejn **il-kontributi** għall-Aġenda Strateġika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-**Impriża Konġunta** dwar **iċ-Ċipep minn partijiet ikkonċernati rilevanti oħra**, inkluż meta xieraq **pjanijiet direzzjonali prodotti mill-Alleanza** dwar **il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi** u l-politiki tal-Unjoni biex t-teknoloġiji tal-komponenti u s-sistemi elettroniċi jikkontribwixxu b'mod effiċjenti.”

(d) Fil-paragrafu 2 jiżdiedu l-punti (g), (h), (i) u (j) li ġejjin:

“(g) tibni kapaċitajiet tad-disinn fuq skala kbira għat-teknoloġiji integrati tas-semikondutturi.

(h) issaħħaħ il-linji pilota eżistenti u ssaħħaħ linji pilota ġodda.

(i) tibni kapaċitajiet avvanzati ta' teknoloġija u ta' inġinerija biex jitħaffef l-iżvilupp taċ-ċipep kwantistiċi.

(j) tistabbilixxi network ta' ċentri ta' kompetenza madwar l-Ewropa.”

- (8) l-Artikolu 128 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 128

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni lill-Impriża Konġunta, inkluż l-appropriazzjonijiet taż-ŻEE, għandha tkun sa EUR 4 175 000 000, inkluż sa **EUR 50 174 000** għall-kostijiet amministrattivi distribwiti kif ġej:
(a) sa **EUR 2 650 000 000 minn Orizzont Ewropa;**
(b) sa **EUR 1 525 000 000 minn Ewropa Diġitali.**
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemija fil-paragrafu 1 għandha titħallas mill-appropriazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokatu għal kull programm rilevanti.
3. Jistgħu jiġu allokatu fondi addizzjonali tal-Unjoni li jikkomplimentaw il-kontribuzzjoni msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Impriża Konġunta minn pajjiżi terzi assoċjati mal-programm Orizzont Ewropa jew mal-programm Ewropa Diġitali f'konformità mal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi tagħhom. Dawk il-fondi addizzjonali tal-Unjoni ma għandhomx jaffettwaw il-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti msemija fl-Artikolu 129(1).
4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu għandha tintuża għall-Impriża Konġunta biex ttipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet indiretti kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (43), tar-Regolament (UE) 2021/695, li jikkorrispondu għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Impriża Konġunta.
5. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemija fil-paragrafu 1 il-punt (b), għandha tintuża għall-bini tal-kapaċità potenzjali għal-linji pilota u l-infrastrutturi tad-disinn madwar l-Unjoni kollha.

- (9) Fl-Artikolu 129, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. B’deroga mill-Artikolu 28(4), il-membri privati għandhom jagħmlu huma stess jew jagħmlu arranġamenti biex l-entitajiet kostitwenti u affiljati tagħhom jagħmlu kontribuzzjoni finanzjarja ta’ mill-inqas EUR 26 331 000 għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep. Is-sehem tal-kontribuzzjoni totali kull sena għall-kostijiet amministrattivi tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep mill-membri privati għandu jkun 35%.”

- (10) Fl-Artikolu 133, jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:

“3a. Meta jivvota fuq il-parti tal-programm ta’ ħidma relatata mal-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità, il-Bord ta’ Tmexxija għandu jinkludi biss lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandu jkollha 50% tad-drittijiet tal-vot. Il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-drittijiet tal-vot tal-Istati Membri.”

- (11) Jiddaħħal l-Artikolu 133a li ġej

Artikolu 133a

Ir-regoli applikabbli għall-attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Diġitali

1. Ir-Regolament (UE) 2021/694 għandu japplika għall-attivitajiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep permezz tal-programm Ewropa Diġitali.
2. Il-programm ta' ħidma u s-sejthiet għal proposti tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-programm Ewropa Diġitali.
3. Fil-każ tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep, l-awditi *ex post* tan-nefqa fuq l-attivitajiet iffinanzjati mill-baġit tal-programm Ewropa Diġitali għandhom jitwettqu mill-Impriża Konġunta f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/694.

(12) l-Artikolu 134 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 134

Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni f'azzjonijiet speċifiċi

1. Għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-programm Orizzont Ewropa, b'deroga mill-Artikolu 17(2), il-punt (l), meta l-Kummissjoni titlob dan, wara l-approvazzjoni tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi, il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet speċifiċi għandha tkun limitata f'konformità mal-Artikolu 22(5) tar-Regolament (UE) 2021/695.
2. Għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Diġitali, meta l-Kummissjoni titlob dan, wara l-approvazzjoni tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi, il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet speċifiċi għandha tkun limitata f'konformità mal-Artikoli 12(6) u 18 tar-Regolament (UE) 2021/694.
3. Għall-azzjonijiet iffinanzjati minn aktar minn programm kontributur wieħed tal-Unjoni, il-programm ta' ħidma għandu jstabbilixxi kundizzjonijiet konġunti, inkluż għal limitazzjoni tal-parteċipazzjoni skont il-paragrafi 1 sa 2 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mar-regoli tal-programmi kontributuri tal-Unjoni.
4. Ċerti azzjonijiet jistgħu jitwettqu minn entitajiet legali li jikkooperaw f'konsorzju strutturat fl-għamla ta' Konsorzju Ewropew għall-Infrastruttura taċ-Ċipep. L-azzjonijiet li għalihom jista' jkun meħtieġ dan il-konsorzju, u r-rekwiżiti speċifiċi ta' eliġibbiltà għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u kompiti speċifiċi u, meta xieraq, ir-rekwiżiti operazzjonali għall-istabbiliment, l-operazzjoni u l-istralċ għandhom jiġu definiti fil-programm ta' ħidma.

(13) Jiddaħħal l-Artikolu 134a li ġej

Artikolu 134a

Kompiti addizzjonali tad-Direttur Eżekuttiv

Minbarra l-kompiti elenkati fl-Artikolu 19, id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep għandu jħejji u, wara li jqis id-definizzjoni tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi msemmija fl-Artikolu 137(f), u l-kontributi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż meta kif xieraq pjanijiet direzzjonali prodotti mill-Alleanza dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi, jippreżenta għall-adozzjoni lill-Bord ta' Tmexxija l-programm ta' ħidma għall-impriża konġunta, biex tiġi implimentata l-Aġenda Strateġika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

- (14) l-Artikolu 136 huwa emendat kif ġej:
- (a) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. Għall-finijiet **tal-paragrafi (1) u (2)** tal-Artikolu 134 **u tal-punti (f) u (g) tal-Artikolu 137**, il-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi għandu jinkludi biss **lill-Kummissjoni** u lil awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri. Il-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis*.”
- (15) l-Artikolu 137 huwa emendat kif ġej:
- (a) Jiżdiedu l-punti (f) u (g) li ġejjin:
- “(f) qabel ma jitħejjew il-programmi ta' ħidma, jiddefinixxi l-parti tal-programm ta' ħidma relatata mal-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità u mal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-istimi tan-nefqa korrispondenti, filwaqt li jqis il-pariri tal-Bord Ewropew tas-Semikondutturi u l-kontribut ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż kif xieraq pjanijiet direzzjonali prodotti mill-Alleanza dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi;
- (g) jagħżel proposti li jikkorrispondu għall-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità f'konformità mal-Artikoli 12(1) u 17(2), il-punt (u);”
- (b) Il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(d) jagħżel proposti li jikkorrispondu għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni f'konformità mal-Artikoli 12(1) u 17(2), il-punt (u);”
- (16) l-Artikolu 141 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 141

Rati ta' finanzjament u regoli għall-parteciċipazzjoni

1. Għall-azzjonijiet indiretti ffinanzjati mill-programm Orizzont Ewropa, f'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/695 u b'deroga mill-Artikolu 34 ta' dak ir-Regolament, u għall-attivitajiet iffinanzjati mill-programm Ewropa Diġitali, l-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep tista' tapplika rati ta' finanzjament differenti għall-finanzjament tal-Unjoni f'azzjoni skont it-tip ta' parteċipant, b'mod partikolari l-SMEs u l-entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, u t-tip ta' azzjoni. Ir-rati ta' finanzjament għandhom ikunu indikati fil-programm ta' ħidma.
 2. Meta jkun debitament ġustifikat fid-deskrizzjoni tas-suġġetti rilevanti fil-programm ta' ħidma, entità legali waħda stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat jew f'konsorzji li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) 2021/695 jew fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/694 għandha tkun eliġibbli li tipparteċipa f'azzjonijiet iffinanzjati mill-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep.
- (17) Ir-referenzi għall-“Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin” għandhom jinftiehem li jirreferu għall-“Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tar-Regolament dwar l-Att dwar iċ-Ċipep